Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 516/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander Caruana**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander Caruana talli f'xi hin bejn it-2 ta' Lulju tas-sena 2010 ghall-habta tal-hamsa ta' fil-ghaxija u nhar-it 3 ta' Lulju tas-sena 2010 ghall-habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghodu,  gewwa Triq Lapsi, San Giljan, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu jew fixkel lil Adrian Fenech fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba li, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Adrian Fenech jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, u torbot lill-imsemmi Alexander Caruana b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Novembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 85 u 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Alexander Caruana hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu twissija u twiddiba. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u obbligatu li ma jimmolestax lill-*parte civile* Adrian Fenech ghal perijodu ta' sena taht penali ta' elf u hames mitt euro (€1,500.00);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Alexander Caruana pprezentat fit-3 ta' Dicembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar ghal kollox is-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa illi mill-provi mressqa ma jissussistux l-elementi rikjesti mil-ligi ghar-reat ta' *ragion fattasi*. Skond l-appellant: (1) ma jrrizultax l-att estrem fejn huwa spolja lil terz minn haga li kien qed igawdi kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' dak it-terz, u dan peress illi l-injama in kwistjoni kienet tqeghdet mill-*parte civile* bhala mizura temporaneja u fi zmien meta kienet ghadha ma harget ebda struzzjoni bil-miktub mill-perit tal-Qorti. Difatti meta in segwitu harget tali ordni bil-miktub u t-toqba li taghti ghal hawt regghet inghalqet mill-*parte civile*, din baqghet ma ntmissitx minnu u minflok irrikorra ghall-Prim'Awla Qorti Civili biex esprima

l-oggezzjoni formali tieghu; (2) l-agir ta' l-appellant ma sehhx bil-kredenza ta' ezercizzju ta' dritt fil-konfront tal-*parte civile*. Huwa qala' l-injama temporaneja fuq struzzjoni moghtija lilu mill-perit ta' fiducja tieghu halli jevita periklu ghar-residenza tieghu u ghal membri tal-familja tieghu li jghixu hemmhekk skond kif jirrizulta minn certifikat peritali esebit f'dawn il-proceduri; (3) li sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu u tal-familja tieghu, l-appellant ma kellux ghalfejn jirrikorri ghal xi proceduri gudizzjarji peress illi l-gheluq in kwistjoni b'ebda mod ma kien ghadu gie ordnat mill-perit nominat mill-Qorti. Tant hu hekk li l-istess gheluq kien tpogga mal-hajt bhala mizura temporaneja kif jidher mir-ritratti esebiti u mhux b'xi mod permanenti taht xi istruzzjoni jew ordni specifika u bil-miktub ta' l-istess perit tekniku skond it-termini ta' nomina tieghu mposti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Fil-fatt l-istess Prim'Awla kienet iddecidiet li zzomm *in vigore* l-mandat ta' inibizzjoni mahrug kontra l-*parte civile* mill-appellant u ppermettiet biss li jsiru dawk ix-xoghlijiet skond ma kif jigu ordnati bil-miktub mill-istess perit. Ghalhekk mhux il-kaz li l-appellant kiser xi ordni tal-Qorti – pjuttost kien il-*parte civile* li qabad u minn jeddu ghalaq it-toqba temporanejament minghajr ma kienu ghadhom hargu bil-miktub tali struzzjonijiet mill-istess perit tal-Qorti.

**6.** Issa, mill-provi jirrizulta illi l-*parte civile* kien qieghed jizviluppa proprjeta` li tmiss ma' proprjeta` ta' l-appellant. Fi proceduri civili fl-ismijiet **Alexander Caruana et vs Adrian Fenech et** inghata digriet fit-18 ta' Dicembru 2008 (Dok. GEV2) li permezz tieghu l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat lill-perit tekniku sabiex qabel ma jsiru xi xoghlijiet ulterjuri jaghti struzzjonijiet bil-miktub liz-zewg partijiet dwar kif u meta ghandhom isiru x-xoghlijiet esterni necessarji. Jirrizulta li fuq in-naha ta' wara ta' l-appogg, fejn hemm hawt ta' l-ilma tax-xita, il-*parte civile* halla toqba fil-hajt u li l-perit tekniku verbalment qallu biex jaghlaq. Din l-istruzzjoni ma gietx komunikata lill-appellant. Il-*parte civile* segwa l-istruzzjoni tal-perit tekniku, ghamel bicca injama min-naha ta' l-appellant u mela t-toqba. F'xi hin bejn it-2 u t-3 ta' Lulju l-appellant nehha l-injama u kisser dak li kien ghamel il-*parte civile*. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jirreferi biss ghat-

tnehhija ta’ l-injama izda jiskarta ghal kollox il-fatt li jirrizulta mill-provi li l-appellant kisser dak li kien ghamel il-*parte civile* sabiex jimla t-toqba fil-hajt ta’ l-appogg.

**7.** Hawn si tratta ta’ azzjoni ta’ *ragion fattasi*. Irrispettivament minn jekk l-appellant kienx jaf jew le li l-*parte civile* kien inghata struzzjonijiet mill-perit tekniku, it-toqba fil-hajt kienet imtliet mill-*parte civile* – toqba li l-perit tekniku xehed li kien halla l-*parte civile* u mhux l-appellant – u allura meta l-appellant kisser dak li kien bena l-*parte civile*, gie li spoljah minn dak li kien ikkostruwixxa. L-appellant jghid li agixxa fuq struzzjonijiet tal-Perit privat tieghu. Izda Perit mhuwiex “awtorita` pubblika”, u din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tahseb li l-appellant ma kienx jaf li Perit mhuwiex “awtorita` pubblika”, u allura illi huwa kellu jirrikorri ghand l-awtoritajiet gudizzjarji sabiex jipprotegi xi drittijiet pretizi tieghu. Wara kollox diga` kien hemm proceduri pendenti bejn il-partijiet. Konsegwentement l-aggravju ta’ l-appellant huwa michud.

**8.** Irid jinghad li c-cirkostanzi gew ben apprezzati mill-ewwel Qorti li, in kwantu l-piena kkundannat lill-appellant ghal twissija u twiddiba, filwaqt illi bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta obbligat lill-appellant li ma jimmolestax lill-*parte civile* ghal perijodu ta’ sena taht penali ta’ elf u hames mitt euro (€1,500.00). Ghal xi raguni, pero`, l-appellant gie mitlub jiffirma obbligazzjoni fis-somma ta’ tlett elef euro (€3,000.00) – ara fol. 8. Ghaldaqshekk dik l-obbligazzjoni sejra tigi sostitwita bl-obbligazzjoni annessa ma’ din is-sentenza.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan illi ghall-obbligazzjoni skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha taghmel tajjeb dik annessa li qed tissostitwixxi dik a fol. 8 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------